MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 77/2023-8

It-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

## 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

77.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu ser ikunu preżenti. Is-Sindku nfurmat lil membri li s-Sna. Sandra Grech kienet ser tittardja.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

77.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 76/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

77.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

77.2.3 Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 76.4.3.6 sabiex tiżdied -'Il-membri qablu'. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab ukoll sabiex tiġi kkoreġuta minuta 76.4.4.1 tizdied -u jekk ikun hemm bżonn jinġab aktar ġebel'. Il-membri qablu. Talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 76.4.4.4 – minflok nsteraq tiġi naqas. Il-membri qablu.

77.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 76/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

77.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lill-membri li x-Xwejni Fest kien suċċess u kien hemm attendenza kif mistenni. Kompliet tgħid li wara li tnaqqsu l-ispejjes ta' xiri ta' xorb u ikel kull Għaqda ħadet €1425 jiġifieri kien hemm qliegħ ta' €8550. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu infurmat li hu minnu li dan il-festival kien suċċess pero' qal li jikkundanna

l-aġir ta' l-artist lejn il-pulizija peress li kien irresponsabbli. Fakkar li l-pulizija kien qed jagħmel xogħlu u mhux aċċettabli li artist jiġi mistieden, jitħallas minn fondi pubbliċi u jimxi b'dan il-mod.

77.3.2 Is-Sindku fakkret lil membri li l-vara ta' Santa Marija ser tasal nhar is-Sibt, 29 ta' Lulju 2023. Qalet li fil-5.00 ta' filgħaxija ser tibda' ċerimonja fejn l-iskola primarja u wara tgħaddi mill-inħawi tal-ponta. Qalet li ser ikun hemm uffiċċjali tal-Pulizija u Transport Malta. Kompliet tgħid li fis-7.00pm hu mistenni li l-istatwa tkun fejn il-każin u tingħalaq il-Pjazza. Qalet li l-ERRC għadhom ser jikkonfermaw il-preżenza tagħhom. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tan-Nar u propona li l-Kunsill jonfoq mhux aktar minn €1,000. Il-membri qablu.

77.3.3 Is-Sindku nfurmat lill-membri li ġiet sottomessa *Change Request* rigward is-Salt Festival li qed jiġi propost li ssir fit-22 ta' Settembru 2023 u l-Colours of Spring Festival li qed jiġi propost li jsir fis-16 ta' Marzu 2024. Il-membri qablu.

77.3.4 Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li z-Zebbug Gozo Motor Show b'risq Puttinu ser issir fl-1 t'Ottubru minflok fl-24 ta' Settembru minħabba li dakinhar hemm il-Gozo Hill Climb. Il-membri qablu.

77.3.5 Rigward l-approvazzjoni minn Transport Malta rigward it-*traffic management* ta' Triq Ġoma u Triq Kappillan Vella, s-Sindku proponiet u l-membri qablu li din tidħol fis-seħħ fil-bidu tas-sena skolastika u jinħareġ avviż lir-residenti sabiex ikunu nfurmati.

77.3.6 Is-Sindku nfurmat lil membri li hi flimkien mas-Seg. Eżekuttiv attendew għal laqgħa fl-uffiċċju ta' Transport Malta rigward it-tabelli u l-bollards għal front u l-Menqa. Qalet li għal din il-laqgħa kien hemm il-Perita ta' TM, l-Av. Deborah Camilleri, membri tas-CPT u l-Perit tal-Kunsill. Infurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji pjanta

ġdida. Qalet ukoll li sa dan it-tant tniżżlu 7 barriers li qed jieħdu ħsieb li jagħlquhom is-CPT.

77.3.7 Is-Sindku nfurmat lil membri li qed jaslulha diversi lmenti li l-bankini ta' Triq il-Qbajjar huma bla *spactions*. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-kuntrattur li għamilhom infurmah illi l-porfido fejn hemm l-ispaction ġiet immarkata bi vleġġa. Għandhom jerġgħu jiġu verifikati dawn.

**77.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

*Billi l-Viċi Sindku, Sandra Grech kienet għadha ma waslitx beda bil-punti tiegħu il-Kunsillier Nicky Saliba.*

77.4.1 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

77.4.1.2 Talab sabiex teħel tabella tal-*one way* in-naħħa l-oħra ta' Triq ta' Ċenċ. Il-membri qablu.

77.4.1.3 Talab sabiex tinħasel il-bankina ta' Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq Ulisse. Is-Sindku proponiet li jinħaslu wkoll Triq il-Port, il-Menqa nkluż il-bankijiet kif ukoll l-bankini kollha ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

77.4.1.4 Talab sabiex terġa tinżebagħ id-dragon teeth li hemm fi Triq il-Knisja pero din id-darba ssir mill-Kuntrattur tal-Kunsill. Il-membri qablu.

77.4.1.5 Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex il-Kunsill jiċċekja x'ġara fuq il-Batterija tal-Qbajjar.

*Il-Viċi Sindku, Sandra Grech daħlet fil-kamra fil-4.25 ta' filgħaxija.*

77.4.2 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

77.4.2.1 Infurmat lil membri li inħareqet karozza fi Triq il-Forn kantuniera ma' Triq Santa Marija. Qalet li hemm bżonn

isiru tabelli SLOW u jitwaħħlu żewġ bollards. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

77.4.2.2 Talbet sabiex issir tfakkira lil Public Cleansing biex tinkines u jinġabar il-ġebel minn Triq il-Qbajjar.

77.4.2.3 Infurmat lil membri li d-dawl ta' Triq ir-Rabat qatt ma xegħel u hemm ħafna dlam.

77.4.2.4 Infurmat lil membri li qed ifur id-drenaġġ ta' Triq il-Qolla s-Safra. Proponiet u l-membri qablu li ssir talba lil WSC biex jinbidel il-main tad-drenaġġ u jinbidlu s-servizzi.

77.4.2.5 Talbet sabiex il-Public Cleansing Section jieħdu ħsieb li jbattlu l-bins minn fejn il-Breakwater.

77.4.2.6 Talbet sabiex jiżdied *mobile toilet* ieħor fejn il-breakwater. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

77.4.2.7 Rigward Ġnien it-3 Għoljiet proponiet li l-Kunsill għandu jixtri l-*equipment* tal-bandli u jibda' jieħu ħsieb dan il-ġnien il-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill ma jistax jibqa' jiddependi fuq il-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku Dr Marlene Cini qalet li hemm bżonn fondi apparti sabiex jieħu ħsieb dan il-ġnien. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Kunsill għandu jkollu l-awtorizzazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jibda' jieħu ħsiebu u qal li ma jistax ikun li jintefqu flus mill-fondi tal-Kunsill fuqu. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

77.4.2.8 Infurmat lil membri li l-ħofra li kien hemm fejn l-ATM f'Marsalforn tranġat.

77.4.2.9 Ġibdet l-attenzjoni li r-repainting tad-double yellow lines li nżebgħu fejn il-Popeye mhux l-istess li talbet hi li jinżebgħu. Ser terġa ssir t-talba meħtieġa.

77.4.2.10 Talbet sabiex jitnaddaf id-drain ta' fejn is-showers tal-Menqa. Is-Seg Eżekuttiv infurmatha li diġa jafu biha l-ħaddiema tat-taqsima tal-beaches.

77.4.2.11 Talbet sabiex jitwaħħlu tabelli tal-klieb li jindikaw fejn jistgħu jgħumu u tabelli oħra fil-Bajja tal-Qbajjar li jindikaw li ma jistgħux jgħumu klieb. Il-membri qablu.

77.4.2.12 Rigward il-laqgħa li saret fuq il-ħruġ tal-permessi f'Marsalforn. Talbet sabiex l-Kunsilliera jibdew jiġu nfurmati x'permessi ikunu qed jinħarġu f'Marsalforn anke isir whatsapp group bejn il-membri. Il-Kunsillier Daniel Cordina informa lill-membri li minħabba l-permess li nħareġ fuq Triq Barda nhar il-ġimgħa li għaddiet, ir-residenti ser jiprotestaw.

77.4.2.13 Talbet sabiex malajr kemm jista' jkun jitranġaw il-fanali li hemm fi Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmatha li inħarġet offerta sabiex dawn jinbidlu mill-fondi tal-PA.

77.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

77.4.3.1 Staqsa jekk is-sellum li kellu jeħel wara l-palletta twaħħalx. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tivverifika f'dan ir-rigward.

77.4.3.2 Fakkar fid-draft tal-pjanta ta' Pjazza l-Assunta li kellha tintbgħat mill-Perit tal-Kunsill.

77.4.3.3 Staqsa f'hiex wasal l-appell għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Ponta u jekk ingħalaqx l-appell. Talab sabiex din it-triq tiġi minflok miksija mill-Kunsill u qal li anke għal persuna waħda l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jagħmilha. Il-Kunsilleri Nicky Saliba qal li dik it-triq ~~nofsha~~ kienet saret stencil u wara twessgħet it-triq ~~n-nofs l-ieħor tħalliet torba~~. Għaldaqstant propona li ssir bis-siment proviżorja. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li kieku hekk tibqa'. Il-Kunsillier Baskal Saliba fakkar li din it-triq kienet prevista li ssir f'Settembru tas-sena l-oħra. Il-Kunsillier Cordina qal li kien tela' l-kuntrattur jaruha pero kien biss għal daħk fil-wiċċ. Is-Sindku ġibditlu l-attenzjoni li għandu jqis kliemu u ma

jippuntax subajh lejn ħadd. Fakkritu li dik hija *white road* u għalhekk mhux fil-kompitu tal-Kunsill li din issir waqt li fakkritu li l-Kunsill m'għandhux biżżejjed finanzi sabiex jasfalta din it-triq. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li d-dejn huwa frott tax-xogħol siewi li jagħmel il-Kunsill. Wara diskussjoni il-membri qablu li l-Perit għandu jħejji BOQ u tinħareġ l-offerta sabiex isir it-tarmac.

77.4.3.4 Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta rigward il-*crash barriers* ta' Triq il-Knisja. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

77.4.3.5 Talab sabiex issir tfakkira lil kuntrattur tat-tabelli sabiex teħel 'stop' sign u tinżebgħah waħda fl-art fi Triq il-Qbajjar.

77.4.3.6 Talab sabiex issir tfakkira lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitħarku s-showers ta' fejn l-Otters.

77.4.3.7 Talab sabiex issir tfakkira lil Lands Authority rigward il-ħajt t'Abram.

77.4.3.8 Talab sabiex tinbidel il-bankina peress li mkissra f'10, Triq Mons. De Piro, Żebbuġ. Il-membri qablu biex tkun imniżżla mal-lista tal-bankini.

77.4.3.9 Talab sabiex jitpoġġa t-tosku fl-inħawi Ta' Barda u Triq in-Naħla.

77.4.3.10 Qal li ġie kritikat li l-Kunsill qed jagħmel it-toroq għal min irid u qal li l-Kunsill qatt ma ħares lejn uċuh u jikkundanna dan id-diskors. Għaldaqstant propona li Triq Oniċi titkompla l-parti żgħira li baqa. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa jekk hemmx qbil bejn il-bdiewa li din issir. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ser ikellem lil min qed jipproponi. Il-membri qablu li l-Kunsillier Cordina għandu jitkellem mal-bdiewa kollha li ser jiġu affettwati ħalli jara hemmx qbil li titkompla.

77.4.3.11 Rigward il-Qolla l-Bajda, staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill ħejjiex pjanta sabiex tingħalaq. Is-Sindku ġibdet l-

attenzjoni li kull tabella li qed titwaħħal sabiex ma jitilgħewx quadbikes fuqha wkoll qed tinqala. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li għandha ssir *bye-law* biex tiġi protetta u ħadd ma jitla' fuqha.

77.4.3.12 Talab sabiex l-inħawi fejn hemm il-parkeġġ tal-Qolla l-Bajda u l-madwar jgħaddi f'idejn il-Kunsill peress li hi pubblika. Talab sabiex issir reviżjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex issir devoluzzjoni tagħha u jieħu ħsiebha l-Kunsill. Propona li wara li tgħaddi f'idejn il-Kunsill, il-Kunsill għandu jikseb fondi Ewropej sabiex isir water park, BBQ area u camping area u b'hekk ikunu qed jinqatgħu l-abbużi. Il-membri qablu.

77.4.3.13 Ġibed l-attenzjoni li l-ġnien fi Triq il-Wied għandu problema għax hemm nuqqas ta' dawl u propona li jitwaħħlu sitt fanali ġodda. Il-membri qablu.

77.4.3.14 Il-Kunsillier Daniel Codina qal li l-Kunsill għandu jsib soluzzjoni fejn jekk l-permessi għal makkinarju goff jinħarġu mill-Kunsill li t-triq mhux ser tkun magħluqa ma jistax il-Kuntrattur jaqbad u jagħlaqha. Is-Sindku qalet li għandu bżonn isir aktar infurzar. Il-Kunsillier Cordina qal li saru xi toqob għal tinda fi Triq il-Port u l-Kunsill qed isib l-ostakli sabiex iwaħħal il-bollards u li l-Ministeru għal Għawdex qed jagħmel pressjoni sabiex dawn ma jsirux.

77.4.3.15 Talab sabiex isiru żewġ bins taħt l-Aragosta. Il-membri qablu li ssir talba lil Public Cleansing.

77.4.3.16 Informa lil membri li Marsalforn qed isiru serqiet minn fuq opri tal-baħar. Qal li diġa tkellem mas-CPT sabiex is-CCTV tiġi mdawra lejn xatt il-baħar sabiex tkun tista' ssir sorveljanza.

77.4.3.17 Talab sabiex jitranġa s-sellum ta' fejn l-islip way tal-Bajja tal-Qbajjar u jekk hemm bżonn jinbidel għal wieħed ġdid. Il-membri qablu.

77.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

77.4.4.1 Talab sabiex jiġi mfakkar il-kuntrattur sabiex teħel il-mera fi Triq is-Sagħtrija.

77.4.4.2 Talab sabiex isir kuntatt ma' Din l-Art Ħelwa sabiex naraw f'hiex wasal il-proċess għar-restawr tal-Batterija tal-Qbajjar u talab sabiex dan jiġi devolut lil Kunsill. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tara x'fondi Ewropew hawn biex dan jiġi restawrat.

77.4.4.3 Informa lil membri illi qed jaqa' xi ġebel f'Għar Qawqla. Il-membri qablu li jitwaħħlu t-tabelli meħtieġa.

77.4.4.4 Rigward il-problemi bil-boroż taż-żibel f'Marsalforn speċjalment fi Triq Frank Debono. Staqsa jekk is-CPT humiex ser ikunu qed jinstallaw CCTV fl-inħawi. Il-membri qablu li jaraw jekk hux ser ikun hemm fil-każ tiġi nstallata waħda.

77.4.4.5 Talab sabiex jiġi mqabbad gwardjan pajżan u jitħallas mill-Kunsill sabiex jagħti ċitazzjonijiet fuq l-iskart. Il-Kunsill għandu jivverifika jekk jistax jagħmel dan.

77.4.4.6 Informa lil membri li nħietu l-bnadar minn żewġ volontarji. Propona u l-membri qablu li għandu jinxtara ħamper lilhom bħala apprezzament.

77.4.4.7 Staqsa jekk ħariġx ir-rapport mill-Perit tal-Ministeru għal Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv.

77.4.4.8 Informa lil membri li nofs il-playing field taż-Żebbuġ hu mitfi. Is-Sindku nfurmatu li diġa rraportat dan lil kuntrattur.

77.4.4.9 Talab sabiex titwaħħal tabella 'No Entry for Heavy Vehicles' fl-isqaq ta' Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

77.4.4.10 Informa lil membri li waqa ħajt fi Triq l-Infern li qed jagħlaq l-aċċess għal bdiewa. Il-membri qablu li dan għandu jerġa jinbena u jintuża l-istess ġebel.

77.4.4.11 Propona li jitwaħħlu żewġ floodlights taħt l-arbli tal-festa. Il-membri qablu.

77.4.4.12 Propona sabiex il-Marsalforn Mondays li jsir kull nhar ta' Tnejn f'Marsalforn imqar darbtejn minnhom isiru fiż-Żebbuġ. Wieħed Pjazza l-Assunta u l-ieħor Triq Mons De Piro. Il-membri qablu li jressqu din il-proposta lill-Cultural Heritage għas-sajf li ġej.

77.4.4.13 Rigward l-istedina li saret lis-Sindku ta' Maletto. Propona li l-Kunsill għandu jospitah. Il-membri qablu.

**77.5 Festa Santa Marija - Żebbuġ 2023**

Is-Sindku nfurmat lil membri li fid-9 t'Awwissu ser ikun qed jiġi organizzat Marċ tat-tfal. Proponiet u l-membri qablu li jiddendlu boroż tal-bżieżaq bio degradable u jiġu printjati 200 maktur. Qalet li issottomettiet permezz ta' email il-programm tal-festa u l-ġimgħa d-dieħla tiġi organizzata l-laqgħa flimkien ma' l-Għaqdiet. Il-membri qablu li ssir nhar il-Ħamis, 3 t'Awwissu 2023 fis-6 ta' fil-għaxija. Ħeġġet lill-membri biex jattendu.

Qablu li l-Kunsill ser ikun qed jidħol b'kollaborazzjoni f'kull attivita' li ser tkun qed tiġi organizzata. Qablu b'dan li ġej:

Għal programm li jsir fil-paroċċa - €2,000
Marc tat-tfal u festa tfal - €1,500
Għaqda Armar għal attivita' fil-Pjazza - €2,500
BBQ tal-Futbol u l-attivita' fil-Pjazza - €2,500
Kunċert tal-Banda - €2,500
Il-Feature taż-Żgħażagħ - €2,000
Għaqda tan-Nar għal attivita' fil-Pjazza u show tas-Sibt - €5,000
L-attivita' imtella' mill-Kor - €1,100
Show tal-Karti f'Jum il-Festa - €1,000

Barra minn dawn qablu li jiġu mqabbda uffiċċjali ta' Transport Malta u jinġabu l-barriers tal-pulizija.

Rigward it-tindif tal-lokalita' fil-ġimgħa tal-Festa, l-membri qablu li tinġabar kwotazzjoni mingħand Kuntratturi privati.

## 77.6 Offerti

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li nfetħu dawn l-offerti:

a. Supplies – Tender for the replacement of existing Luminaires in Triq Santa Marija Marsalforn (re-issue). Intefew 4 offerti.

b. Frameworks contract for General Paving Works at Zebbug Gozo. Intefew 3 offerti.

c. Frameworks contract for General Rubble Wall works at Zebbug Gozo. Intefew 3 offerti.

d. Services – Tender for the Designing and Programming of a Heritage Trail Application. Intefew 3 offerti.

Kif diġa kien maqbul f'laqgħa preċedenti, il-membri tal-bord ser ikunu:
Perit Godwin Agius (Chairman), Ing. Mario Cauchi, Avukat Louis Stefan Magrin, Perit Mariella Xuereb (membri) u Odette Camilleri (Segretarju).

## 77.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

77.7.1 Rigward il-LN li ħarġet għal permessi tal-caravans. Il-membri qablu li l-area fejn għandhom jinħarġu dawn il-permessi tkun fi Triq il-Batterija għal massimu ta' 6 f'ġurnata waħda.

77.7.2 Residenta proponiet sabiex fejn qed jitpoġġew munzelli ta' żibel minflok jitpoġġew pots bil-qsari. Il-membri qablu li tiġi diskussa mar-residenti u fil-kas jitwaħħal bank. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li jeħel ieħor fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma' Triq Ulisse.

77.7.3 Talba sabiex titpoġġa shade ma' bozza nru 348 fi Triq il-Qolla s-Safra peress li d-dawl qed jidħol ġewwa. Il-membri qablu.

77.7.4 Talba mingħand resident sabiex il-public transport tasal sa quddiem is-sorijiet tax-Xwejni. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hemmhekk intalbet kemm il-darba pero' l-Kunsill ġie nfurmat li ma ddurx. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li f'San Blas iddur u hemm inqas spazzju. Is-Sindku nfurmathom li fl-4 ta' Lulju tkellmet ma Transport Malta u nfurmawha li Bus 310 ma ddurx f'dawk l-inħawi jekk ikun hemm il-karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħħat.

77.7.5 Talba mingħand resident sabiex jitranġaw il-bankini ta' Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

77.7.6 Talba mingħand resident sabiex jitwal ir-railing ta' l-istainless steel li sar fix-Xwejni u ssir disabled parking bay qrib l-islipway. Il-membri qablu li rigward ir-railing jinfurmaw lit-taqsima tal-beaches waqt li għal parking bay issir talba lil Transport Malta.

77.7.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li infetħet l-applikazzjoni sabiex tiġġedded il-life policy tas-Sindku u l-Kunsilliera. Il-membri qablu li tiġi mġedda.

77.7.8 Talba mingħand resident sabiex Triq Fra Baskal tinbidel u ssir Triq Fra Baskal Farrugia. Il-membri qablu.

77.7.9 Talba minn residenta fi Triq Qolla s-Safra fejn talbet sabiex id-disabled parking bay li hemm quddiem l-flat tagħha ssir personalizzata. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

77.7.10 Talba minn resident sabiex isir il-patching neċesarju fit-triq ta' wara ċ-ċimiterju. Il-membri qablu.

77.7.11 Talba mingħand resident sabiex jitneħħa parkeġġ minn quddiem l-entratura ta' Block C f'Ħal Sagħtrija. Il-membri ma qablux ma dan peress li l-bankina wiesgħa aktar minn biżżejjed sabiex il-persuni jkollhom aċċess komdu għal entratura.

77.7.12 Talba mingħand C.Vella sabiex id-disabled parking bay li hemm fi Triq Ħabel it-Twil titmexxa ftit l-isfel sabiex tkun tista' toħroġ mill-garaxx tagħha. Il-Kunsillier Cordina għandu jivverifika qabel ma ssir talba biex titmexxa.

77.7.13 Talba sabiex isiru aktar bins fil-Qbajjar mad-dawra tal-bajja. Il-membri ma qablux peress li fejn hemm bin qed jispiċċa b'ħafna boroż suwed miegħu.

77.7.14 Talba mingħand R.Farrugia sabiex issir bankina ġdida f'9B, Triq Mons Ġużeppi de Piro. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

77.7.15 Talba mingħand M.Galea fi Triq il-Ponta sabiex ikollu personalized disabled parking bay. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta.

77.7.16 Talba mingħand D.Dimech sabiex isir double yellow line mal-ġnub tal-garaxx. Il-membri qablu.

77.7.17 Talba mingħand T.Vella sabiex jinżebgħu double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx tiegħu fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu. Talab ukoll sabiex jitpoġġew bins għal ħmieġ tal-klieb fi Triq Ħabel it-Twil. Il-membri ma qablux ma dan peress li m'hemmx ħaddiem biex ibattluħ.

77.7.18 Talba mingħand V.Cini sabiex jinbena ħajt ta' żewġ filati bis-sejjiegħ ta' l-għalqa tiegħu. Il-membri qablu

77.7.19 Talba mingħand D.Micallef sabiex titranġa l-bankina fi Triq is-Sajjied peress li mhux aċċessibli għal min juża siġġu bir-roti. Il-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi vverifikat x'hemm bżonn.

77.7.20 Talba mingħand J.Attard sabiex teħel ħadida oħra biswit is-sellum fil-Bajja tax-Xwejni peress li jistew jweġġew it-tfal għax qed jaqbżu bil-ġirja. Il-membri qablu.

77.7.21 Talba sabiex titranġa parti minn Triq il-Ponta peress li nieżla. Il-membri qablu li għandu jiġi mitkellem il-Perit tal-Kunsill.

77.7.22 Talba mingħand X.Tabone sabiex jitwaħħal dog bin fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-membri ma qablux ma dan.

**77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 48/2023 għall-perjodu ta' Lulju 2023 li tammonta għal €153,516.92 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 29 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti.

**77.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.05 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 23 t'Awwissu 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv